

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

17.7.2008

B6-0373/2008

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara l-mistoqsija li titlob tweġiba orali B6-0545/2008

skond l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Neil Parish

f'isem il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-klonazzjoni tal-annimali biex jiġu forniti bħala ikel

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-klonazzjoni tal-annimali biex jiġu forniti bħala ikel

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Protokoll dwar il-ħarsien u l-benessri tal-annimali jeħtieġ li l-Komunità u l-Istati Membri jikkunsidraw b'mod sħiħ ir-rekwiżiti tal-benessri tal-annimali meta jifformulaw u jimplementaw politiki ta' agrikoltura u riċerka,
- B. billi l-proċessi tal-klonazzjoni jindikaw rati baxxi ta' sopravivenza ta' embriji ttrasferiti u ta' annimali kklonati, b'għadd kbir ta' annimali kklonati jmutu fl-istadji bikrija tal-ħajja minn insuffiċjenza kardjovaskulari, immunodeficijenzi, insuffiċjenza tal-fwied, problemi respiratorji, u anormalitajiet tal-kliewi u muskoloskelettriċi,
- C. billi l-mortalità u l-morbożità tal-kloni huma oġġla minn dawk f'annimali prodotti sesswalment waqt li l-korrimenti u l-mard lejn l-aħħar tat-tqala x'aktarx li jaffettwaw il-benessri tal-ommijiet surrogati (EFSA, 2008),
- D. billi minħabba l-livelli attwali ta' tbatija u ta' problemi ta' saħħa tal-ommijiet surrogati u tal-annimali kklonati, il-Grupp Ewropew dwar l-Etika jesprimi dubji dwar kemm il-klonazzjoni tal-animali għall-ikel hija etikament ġustifikata, u ma jqisx li hemm argumenti konvinċenti li jiġġustifikaw il-produzzjoni tal-ikel mill-kloni u miż-żgħar tagħhom,
- E. billi d-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien tal-annimali mrobbija għal skopijiet ta' biedja¹ tistipula li 'proċeduri ta' tniissil naturali jew artifiċjali li jikkawżaw, jew x'aktarx li jikkawżaw, tbatija jew korriment lil kwalunkwe animal ikkonċernat m'għandhomx jiġu pprattikati' (Anness Nru 20),
- F. billi l-klonazzjoni tnaqqas b'mod sinifikanti d-diversità ġenetika fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem, u b'hekk iżżid il-possibilità li merħliet sħaħ jiġu deċimati b'mard li jkunu suxxettibbli għalih,
- G. billi l-EFSA mistennija li fl-Lulju tippubblica opinjoni xjentifika dwar l-implikazzjonijiet tal-annimali kklonati għas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa u l-benessri tal-annimali u għall-ambjent,
- H. billi, waqt li l-għan ewlieni tal-klonazzjoni hu li jkunu prodotti kopji multipli ta' annimali b'rati għolja ta' tkabbir jew b'rendiment għoli, it-tniissil selettiv tradizzjonali diġà wassal għal problemi fis-saqajn u għal difetti kardjovaskulari fi qżieqeż li jikbru malajr, u li jkunu jzappu (lameness), il-mastite u l-qtil prematur ta' baqar li jrendu ħafna; u billi l-klonazzjoni ta' annimali li jikbru malajr u li jrendu ħafna se twassal għal livelli oġġla ta' problemi ta' saħħa u ta' benessri,

¹ [ĠU L 221, 8.8.1998, p. 33, emendat bir-Regolament \(KE\) Nru 806/2003 \(ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1\).](#)

- I. billi, minbarra l-fatt li l-implikazzjonijiet tal-klonazzjoni tal-annimali biex jiġu forniti bħala ikel għadhom ma ġewx studjati biżżejjed, dan iqiegħed theddida serja għad-dehra u s-sustanza tal-mudell agrikolu Ewropew, li hu bbażat fuq il-kwalità tal-prodott, il-prinċipji favur l-ambjent u r-rispett sħiħ tal-benessri tal-annimali,
1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiet tressaq proposti li jipprojbixxu (i) il-klonazzjoni tal-annimali għal skopijiet ta' forniment tal-ikel, (ii) it-trobbija ta' annimali kklonati u taż-żgħar tagħhom, (iii) it-tqegħid fis-suq ta' laħam u prodotti tal-ħalib li ġejjin minn annimali kklonati jew miż-żgħar tagħhom u (iv) l-importazzjoni ta' annimali kklonati, iż-żgħar tagħhom, semen u embrijoni minn annimali kklonati jew iż-żgħar tagħhom, u laħam u prodotti tal-ħalib li ġejjin minn annimali kklonati jew miż-żgħar tagħhom;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.